LOMBARD

**Dikjarazzjoni taċ-Chairman fl-EGM tal-10 ta' Novembru 2022**

L-iskop tal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-lum tal-Lombard Bank Malta p.l.c. (il-Bank) ġie spjegat fid-dettall fl-ittra tiegħi tas-17 ta' Ottubru 2022 u fl-Avviż u fiċ-Ċirkolari lill-Azzjonisti.

Jekk jogħġobkom ippermettuli ftit minuti biex nagħti xi informazzjoni addizzjonali qabel ma nipproċedi bil-punti importanti li għandhom jiġu kkunsidrati skont l-aġenda.

Il-funzjoni ewlenija ta' bank kummerċjali bħalma hu Lombard hija li tippromwovi u tiffaċilita l-attività ekonomika, primarjament billi tipprovdi self. Din l-attività teħtieġ kapital għax aktar ma bank jislef, iktar ikun għoli l-kapital li jeħtieġ.

Primarjament il-kapital ta' bank jigi maħluq miż-żamma ta' parti mill-profitt annwali tal-bank stess u/jew mill-ħruġ ta' ishma ġodda u/jew il-ħruġ ta' bond. Fil-każ speċifiku ta' bank, ir-regolamenti bankarji jagħmlu distinzjoni bejn dawn it-tliet metodi ta' ġbir ta' kapital. Il-kapital huwa klassifikat jew bħala Kapital Tier 1 jew bħala Kapital Tier 2, fejn li l-Kapital Tier 1 huwa permanenti, iżda Tier 2 huwa temporanju u jkun jeħtieġ li jitħallas lura.

Skont ir-regolamenti bankarji, iż-żamma ta' profitti u l-ħruġ ta' ishma ġodda huma kklassifikati bħala Kapital Tier 1, filwaqt li l-ħruġ ta' bond hu kklassifikat bħala Kapital Tier 2 u meqjus biss b'mod limitat għal skopijiet ta' kalkolu tal-Kapital Totali ta' bank.

Bħala bank indiġenu Malti, Lombard Bank jixtieq iżid il-kapital tiegħu sabiex ikun jista' jkompli bl-espansjoni tal-attivitajiet tiegħu skont il-viżjoni tiegħu u jsir parteċipant aktar sinifikanti fil-komunità lokali.

Matul l-istorja tiegħu ta' aktar minn 50 sena, Lombard dejjem fittex li jżid il-kapital permezz ta' Kapital Tier 1 billi rega' investa parti mill-profitti tiegħu. Fil-fatt, f'dawn l-aħħar 25 sena, il-Bank kabbar il-kapital tiegħu minn €25m għal madwar €125m billi reġa' investa b'mod għaqli parti mill-qligħ li jagħmel, filwaqt li fl-istess ħin regolarment ħallas ukoll dividend lill-azzjonisti tiegħu. Minn żmien għal żmien, iżda, jeħtieġ ukoll li bank jissupplimenta dan il-proċess billi jżid il-kapital tiegħu permezz ta' ħruġ ta' ishma ġodda. F'dawn l-aħħar 25 sena kien biss darba waħda li Lombard Bank għolla l-kapital tiegħu b'dan il-mod, meta fis-sena 2000 permezz ta' Rights Issue ta' €7 miljun għolla l-kapital. Din ir-Rights Issue kienet ta' suċċess b'mod assolut li ikkonfermat l-fiduċja kbira li jgawdi l-Bank.

Madankollu, l-implimentazzjoni riċenti mill-MFSA tar-regolamenti bankarji tal-UE, li ġew imposti mingħajr l-ebda perjodu ta' tranżizzjoni, flimkien mat-tkabbir kostanti tal-Bank, issa jeħtieġu żieda fil-kapital.

Għalhekk, permezz ta' Company Announcement maħruġ fl-20 ta' Settembru 2022, il-Bank informa lill-pubbliku li kien bi ħsiebu li jaċċessa s-swieq kapitali. Il-Bord tad-Diretturi qies kif xieraq, l-għażliet disponibbli biex jagħmel dan. Ġew evalwati l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' ħruġ ta' bonds iżda din l-għażla ma kinitx ikkunsidrata bħala fl-aħjar interess tal-Bank, anke għaliex f'termini regolatorji tali bond jitqies bħala 'prodott kumpless'; ikollu jitħallas lura fi żmien stipulat; il-fondi miġbura permezz tal-bond ma jkunux kompletament eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti kapitali regolatorji; l-imgħax pagabbli lill-bondholders ikun spiża rikorrenti fuq il-Bank, irrispettivament mir-riżultati finanzjarji tas-sena; fiċ-ċirkostanzi tal-lum bir-rati ta' imgħax li qed jogħlew, il-kupun (imgħax) li jiġi

www.lombardmalta.com

offrut fuq bond ikun jeħtieġ li jkun għola minn dak fuq bonds tal-gvern. Dan jista' jkollu impatt negattiv fuq il-profitt tal-Bank u għaldaqstant fuq il-livell ta' dividend li jitqassam lill-azzjonisti.

Il-Bord, wara li ħa pariri ta' konsulenti professjonali għalhekk għażel mod aktar cost-effective u permanenti bi ħruġ ta' ishma li jkunu eliġibbli bħala Kapital Tier 1 u li huwa universalment rikonoxxut bħala *"…..l-ogħla kwalità ta' kapital regolatorju...."*

Dan se jippermetti lill-Bank ikompli bl-istrateġija biex ikabbar il-kontribut tiegħu lejn l-ekonomija Maltija mingħajr ma jassumi riskji ogħla minn dawk attwali. Il-pjanijiet tagħna għal futur tħabbru permezz ta' Company Announcement li diġa' semmejt u fiċ-Ċirkulari lill-Azzjonisti iżda hawn nenfasizza l-intenzjoni tal-Bank li jkabbar il-firxa tas-servizzi bankarji tradizzjonali tiegħu u biex jiddiversifika aktar it-tip ta' self li jagħmel; li jkompli jipprovdi servizz personalizzat lill-klijenti, filwaqt li jagħraf ukoll il-benefiċċji ta' digitisation; u li jżid il-preżenza tiegħu fil-komunità billi jkabbar in-numru tal-fergħat tiegħu ma' Malta u Ghawdex. Fl-istess ħin, il-proċess ta' modernizzazzjoni se jkompli, inkluż aktar investiment f'modi ta' distribuzzjoni tas-servizzi, fl-infrastruttura tal-IT, kif ukoll f'Customer Relationship Management System u Riżorsi Umani.

Nemmnu li b'din iż-żieda fil-kapital u l-istrateġija tiegħu, flimkien ma kif il-Bank ħadem s'issa, billi dejjem għaraf il-kultura, id-drawwiet u l-ħtiġijiet tas-suq Malti, il-Bank jgħolli l-profil tiegħu fl-ekonomija Maltija biex ikun ta' benefiċċju għal kullhadd, inklużi l-azzjonisti permezz tal-ħlas konsistenti ta' dividends.

Huwa għal dawn ir-raġunijiet li l-Bord tad-Diretturi jemmen bis-sħiħ li r-riżoluzzjonijiet li qed jitressqu għall-approvazzjoni tal-azzjonisti llum huma fl-aħjar interess tal-Bank u għalhekk jirrakkomanda li l-azzjonisti jivvutaw favur dawn ir-riżoluzzjonijiet.

**Nota**: Din hija traduzzjoni *informali* taċ-"Chairman's Statement to the EGM 10 November 2022". Il-verżjoni formali hija dik bl-Ingliż.

www.lombardmalta.com